MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 790/2007

Christopher Grech
vs
Joseph Cutajar u Pathway Developments Limited ghal kull interess li jista' jkollha

Il-Qorti,

## A. RIKORS:

Rat ir-rikors ta' Christopher Grech li bih espona:

1. Illi r-rikorrent Christopher Grech huwa azzjonista flimkien ma' l-intimat Joseph Cutajar fis-socjeta` intimata Pathway Developments Limited.

2. Illi minn ezercizzju ta' awditjar li sar mid-ditta tas-socjeta` intimata Vince Curmi & Associates ir-rikorrent ghandu jippercepixxi somma flus rapprezentanti s-sehem tieghu qua azzjonista mill-profitti mit-transazzjoni kummercjali mwettqa mill-istess socjeta` kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi l-intimat Joseph Cutajar interpellat sabiex jersaq ghall-hlas ta' sehem ir-rikorrent baqa' inadempjenti.

Ir-rikorrent talab lill- Qorti:-

1. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lir-rikorrent dik is-somma li tigi talvolta likwidata minn din il-Qorti okkorendo bl-opera ta' perit nominandi raprrezentanti sehem ir-rikorrent qua azzjonista mill-profitti mit-transazzjonijiet kummercjali mwettqa mill-istess socjeta`, previa dikjarazzjoni jekk hemm bzonn li l-intimati jew min minnhom responsabbli ghal tali hlas.

Bl-ispejjez inkluzi dik ta' l-ittra interpellatorja tal-5 ta' Gunju 2007 u bl-imghax relattiv sal-pagament effettiv kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mir-rikorrent.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' Joseph Cutajar f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Pathway Developments Limited li biha espona:

1. Illi dina l-Qorti hija prekluza milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-vertenza stante li jezisti ftehim ta' arbitragg iffirmat bejn il-kontendenti li jikkontempla, fost affarijiet ohra, id-determinazzjoni bil-procedura ta' arbitragg tat-talba attwali tar-rikorrenti Christopher Grech.

2. Illi gjaladarba li r-rikorrenti Christopher Grech qieghed jibbaza l-azzjoni tieghu fuq drittijiet spettanti lilu qua azzjonist tas-socjeta` kummercjali Path Way Investments Limited, ir-rikorrenti ghandu jispjega x'tip ta' azzjoni qieghed jezercita, u dana peress li ma jirrizultax li huwa qieghed jinvoka xi rimedju ossija procedura kontemplata mill-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta, tenut kont li qieghed jinghad fl-eccezzjoni sussegwenti.

3. Illi s-socjeta` Path Way Developments Limited ghadha ma rceviet l-ebda dividend ossija qligh mill-unika attivita` kummercjali mwettqa sa minn meta giet kostitwita, liema attivita` kummercjali tikkonsisti f'shareholding fis-socjeta` kummercjali Trans Estate Limited, bil-konsegwenza li t-talba tar-rikorrent Christopher Grech hija intempestiva.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti Christopher Grech irid jisjega x'inhija ezattament "… is-somma flus rapprezentanti s-sehem tieghu qua azzjonista mill-profitti tat-tranzazzjonijiet kummercjali mwettqa…" mis-socjeta` Path Way Investments Limited, u fuq liema bazi legali u/jew kuntrattwali qieghed jippretendi li huwa intitolat ghaliha. Chistopher Grech irid jaghti rendikont ukoll ta' dak kollu li gie mhallas lilu u/jew lil terzi fuq struzzjonijiet tieghu in konnessjoni man-negozju li a bazi tieghu giet intavolata dina l-procedura.

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ir-rikorrenti Christopher Grech xorta wahda ma ghandu jippercepixxi l-ebda hlas u/jew kunsiderazzjoni ohra minghand l-intimati stante arrangamenti li kienu gew mifthiema bejn il-kontendenti u hlasijiet relativi u konsegwenti percepiti mill-istess Christopher Grech a bazi ta' l-istess.

Rat il-lista ta' xhieda prezentata mill-intimati.

**C. PROVI:**

Permezz ta' nota tas-17 ta' Marzu 2008 a fol 16 gie esebit il-*Memorandum And Articles Of Association* ta' Path Way Developments Limited.

Giet prezentata nota ta' osservazzjonijiet ta' Joseph Cutajar a fol 14 u 15 tal-process. Ma hemm ebda nota tar-rikorrent li strah fuq it-trattazzjoni finali.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

L-azzjoni tar-rikorrent hija azzjoni minn azzjonista kontra azzjonista iehor tas-socjeta` intimata Path Way Limited, rigwardanti allegata somma ta' flus rapprezentanti s-

sehem tieghu *qua* azzjonista mill-profitti mit-transazzjonijiet kummercjali mwettqa mill-istess socjeta`. Stante li l-intimati Cutajar u l-istess socjeta` gew interpellati izda baqghu inadempjenti, ir-rikorrent ipproceda bir-rikors odjern. Min-naha l-ohra, l-intimati laqghu billi stante li jezisti ftehim ta' arbitragg iffirmat bejn l-azzjonisti in kwistjoni li jikkontempla d-determinazzjoni bil-procedura ta' arbitragg, din il-Qorti hija prekluza milli tiehu konjizzjoni ta' dan il-kaz.

Jibda biex jinghad, li l-klawsola 33 tal-*Memorandum and Articles Of Association* tas-socjeta` Path Way Developments Limited tipprovdi li:
"Any dispute arising:
a) between the member or the beneficial owners amongst themselves and/or between the directors amongst themselves in respect of the company,
b) between the members&/or the directors &/or the directors &/or the company or;
c) in relation to the Memorandum and Articles of Association including the interpretation, and construction thereof, shall be settled by means of arbitration in accordance with the following rules."

U l-klawsola 34 ta' l-istess *Memorandum* tghid hekk:
"All disputes shall be submitted to resolution by an arbitral tribunal, which is to sit at such place in Malta as may be decided by the parties/litigants &failing agreement, at the seat of the Malta Arbitration Centre."

Illi din il-klawsola fil-*Memorandum And Articles Of Association* tal-kumpanija hija in konformita` mal-Artikolu 14 tal-Kap 387 fejn hemm provvdut li fil-kaz ta' ftehim ta' arbitragg domestiku, li jsir bis-sahha ta' l-artikolu 14, it-tilwimiet ghandhom jitrangaw skond id-dispozizzjonijiet elenkati f'dik it-taqsima tal-ligi.

Jinghad li fl-Att dwar l-Arbitragg (Kap 387) fl-artikolu 14 *et seq* hemm li fejn ikun hemm ftehim, ta' arbitragg domestiku, it-tilwimiet ghandhom jigu determinati skond kif provvdut fir-Raba' Parti ta' l-istess Att. L-artikolu 69 ta' l-istess Att jipprovdi li:

"Salv id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, f'dawk li huma affarijiet regolati b'dan l-Att, ebda qorti ma ghandha tintervjeni jew ikollha gurisdizzjoni f'xi haga bhal dik hlief meta jkun hekk provdut f'dan l-Att."

Il-paragrafu 34(B) jissottolineja li kwalunkwe vertenza ghandha tigi sottomessa lil Tribunal ta' Arbitragg, u sabiex il-partijiet jizguraw ruhhom illi vertenzi ta' bejniethom jigu rizolti unikament permezz ta' arbitragg privat, l-artikolu 34(f) ta' l-*Articles of Association* jipprovdi li fl-eventwalita` li parti tonqos milli tippartecipa fi procedura arbitrali jew jekk xi parti ma tibqax tippartecipa fi procedura ta' arbitragg minghajr raguni valida, it-Tribunal ghal Arbitragg ghandu jaghlaq il-proceduri u jiddeciedi t-tilwima a bazi tal-provi sottomessi sa dakinhar.

Jidher li fil-gurisprudenza nostrana gie ritenut li:
"Il-Qrati Taghna ammettew il-validita` tal-klawsola arbitrali, li tista' tigi stipulata anke biex l-obligazzjonijiet ezistenti bejn il- kontraenti tigi sottratta mill-gurisdizzjoni tat-Tribunali"
(Ara **Joseph Laferla noe vs Salvino Mizzi noe** deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fit-22 ta' Frar 1964), kif ukoll fil-kawza **Edwin Vella vs Wilfred Mamo noe,** Appell Kummercjali datat 13 ta' Ottubru 1989.
"Kif huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza nostrana, klawsola arbitrali hija valida u dan in omagg ghall-volonta` libera tal-partijiet."

Din kienet il-linja li ttiehdet mill-qrati taghna qabel l-emendi introdotti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili bl-Att XXIV ta' l-1995. Hu issa provvdut fl-Artikolu 742(3) tal-Kap 12 li:
"Il-gurisdizzjoni tal-Qrati ta' kompetenza civili mhijiex eskluza mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta' arbitragg bejn il-partijiet, sew jekk il-procedimenti ta' arbitragg ikunu nbdew jew le, f'liema kaz il-Qorti bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' kull ligi li tirregola l-arbitragg, ghandha twaqqaf fil-procedimenti minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu u

ghas-setgha li ghandha l-Qorti li taghti kull ordni jew direttiva."

Dan fil-fatt, gie mfisser u spjegat fid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tal-4 ta' Mejju 1998 **George Camilleri vs Hugh P. Zammit noe**:
"il-ligi (fl-artikolu 742(3) kif emendat) riedet li jigi assigurat li l-gurisdizzjoni tal-Qorti ta' kompetenza civili ma tkunx eskluza mill-fatt biss li jkun hemm xi ftehim ta' arbitragg bejn il-partijiet. Riedet allura tassigura li l-Qrati Civili jkunu jistghu u jkollhom il-kompetenza li jissindikaw il-validita` ta' tali ftehim ta' arbitragg, li kellhom id-dritt li jirregolaw il-proceduri skond kif trid il-ligi u anke li jkollhom il-kompetenza u l-gurisdizzjoni li jassiguraw l-ezegwibilita` tad-decizjonijiet arbitrali permezz ta' atti u mandat kawtelatorji, kif ukoll atti u mandati ezekuttivi……Dan ifisser illi d-disposizzjoniji 742(3) ma kinitx intiza biex tinnewtralizza l-effikacja ta' klawsola arbitrali, imma intiza biss biex tassigura li jkunu l-Qrati Civili li jkollhom il-gurisdizzjoni li jirregolaw il-mod kif tali klawsola arbitrali kellhom jigu mhaddma u dana billi jkollhom il-poter li jaghmlu tajjeb u jaghtu direttivi fil-kaz li jkun hemm lakuni jew diffikultajiet fil-mod kif tali klawsoli kellhom jigu proceduralment imhaddma fil-prattika."

F'decizjoni ohra, **George Xuereb vs Accountant General et** datata 28 ta' Frar 1997, il-Qorti ta' l-Appell diga kienet enuncjat illi:
"naturalment dan ma jfissirx li l-klawsola arbitrali fejn tapplika tista' tigi reza bla ebda effett bis-semplici rikors lil dawn il-Qrati. Ifisser pero`, li din il-Qorti ghandha l-gurisdizzjoni originali u "overiding" li tissindika wkoll l-applikazzjoni ta' l-ezekuzzjoni ta' dawn il-klawsoli arbitrali."

Ara wkoll f'dan is-sens il-kawza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Ottubru 2004, referenza 1246/97PS, fl-ismijiet J**oseph Micallef et vs Jovin Rausi noe**.

Issa, fil-kaz in ezami, in vista ta' dan kollu enuncjat hawn fuq, il-klawsola arbitrali in kwistjoni hija operattiva. Il-klawsola kif inhi miktuba hija wiesgha u tinkorpora kull

diskordanza li tinqala' bejn il-partijiet. Illi ma taghmilx differenza, li fil-fatt, ir-rikorrent agixxa *qua* azzjonista f'din il-kawza, galadarba l-*Memorandum and Articles of Association* isemmu b'mod specifiku "*members or the beneficial owners*," dan jinkludi wkoll [fil-kaz in ezami u mehud kont tal-lokuzzjoni wzata fl-artikoli 33 u 34 tal-*Memorandum*] lill-azzjonisti. Kwindi, ladarba l-*Memorandum and Articles* gie iffirmat miz-zewg kontraenti, ifisser li qablu fir-rigward tal-klawsoli elenkati hemmhekk. Ghalhekk din il-klawsola arbitrali fil-*Memorandum and Articles of Associa*tion tal-kumpanija hija valida, ghax voluta miz-zewg kontraenti, u ghaldaqstant ghandha tibqa' rispettata. F'dan il-kaz, ghalhekk, in vista ta' dak akkordat mill-partijiet fi klawsoli 33 u 34 tal-*Memorandum and Articles of Association*, tali diskordanza ghanda tigi differita lill-arbitru jew arbitri, skond il-kaz, u dan ghall-gudizzju opportun.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimati li l-Qorti hija prekluza milli tiehu konjizzjoni ta' din il-vertenza minhabba klawzola arbitrali.

Spejjez kontra r-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------